# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Ottubru, 2023**

**Numru 1**

**Rikors Numru 21/19TA**

**Carmel Cortis (bil-Karta tal-Identita' Numru 722256M); u**

**Teresa Cortis (bil-Karta tal-Identita' Numru 148263M) u uliedha Josef Cortis (bil-Karta tal-Identita' Numru 346786M), Caroline Tanti (bil-Karta tal-Identita' Numru 0267589M), Stefan Cortis (bil-Karta tal-Identita' Numru 035993M) u Christopher Cortis (bil-Karta tal-Identita' Numru 252595M) bħala eredi tad-defunt Cristino Cortis illi kiet fit-18 ta' Lulju, 2000**

**vs**

**L-Onor. Prim Ministru in rappreżentanza al-Uffiċju tal-Prim Ministru;**

**L-Onor. Ministru għall-Finanzi in rappreżentanza tal-Ministeru għall-Finanzi;**

**L-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji;**

**L-Avukat Ġenerali; u**

**b'digriet tal-15 ta' Diċembru 2020 ġie kjamat fil-kawża Anthony Vassallo (ID 825847M) u b'digriet ta' l-4 ta' April 2023 l-atti f'isem il-kjamat in kawża Anthony Vassallo ġew trasfużi f'isem Clint Vassallo**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Carmel Cortis u oħrajn (ir-rikorrenti) tal-11 ta' Frar 2019 li permezz tiegħu premettew u talbu s-segwenti:

"**Dikjarazzjoni dwar l-Oġġett u l-Fatti tal-Kawża**

1. Illi l-esponenti kienu azzjonisti fil-kumpanija Vassallo & Cortis Ltd (C10128), liema kumpanija kienet ġiet reġistrata mar-Registratur tal-Kumpanniji nhar l-ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena elf disa mija u tmienja u tmenin (1988);

2. Illi l-imsemmija soċjeta' kummerċjali Vassallo & Cortis Ltd (C10128) ġiet imħassra minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan skont kif jirriżulta mill-avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern nhar l-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003);

3. Illi bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 325 suċitat mat-tħassir tal-kumpannija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji l-assi ta' Vassallo & Cortis Ltd (C10128) kellhom jgħaddu għand il-Gvern ta' Malta;

4. Illi fil-mument meta l-kumpannija Vassallo & Cortis Ltd (C10128) ġiet imħassra minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, hija kienet *inter alia* s-sid ta' proprjeta mmobbli ossija stalla bl-indirizz 'Nemo de Bruyeres Stables', Stables Lane, Marsa;

5. Illi l-esponenti qatt ma ġew notifikati b'kwalsiasi att pożittiv da parte tal-Gvern ta' Malta permezz ta' liema l-istess Gvern immanifesta b'mod espress it-trasferiment tal-proprjeta' in kwistjoni tant illi l-imsemmija proprjeta' immobbli kienet u baqgħet dejjem fil-pussess tal-azzjonisti tas-soċjeta' Vassallo & Cortis Ltd jew uħud minnhom;

6. Illi kien fil-fatt biss reċentement li huma ġew a konoxxenza ta' dak li kien seħħ, u dan stante li l-kumpannija Vassallo & Cortis Ltd (C10128) għamlet żmien twil prekluża milli topera u ġġesti n-negozju tagħha b'mod effettiv stante l-mewt tal-fuq imsemmi Cristino Cortis, li miet fl-eta' tenera ta' wieħed u erbgħin (41) sena u ħalla warajh lill-esponenti armla tiegħu Teresa Cortis u lil-erbat (4) itfal dak iż-żmien minorenni tiegħu l-esponenti Josef Cortis, Caroline Tanti, Stefan Cortis u Christopher Cortis;

7. Illi l-mewt tal-imsemmi Cristino Cortis kellha effetti negattivi determinanti fuq il-ġestjoni tal-istess kumpannija;

**Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri**

8. Illi l-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta jikkontempla rimedju fejn f'ċirkostanzi simili kumpannija li tkun ġiet imħassra minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji tkun tista', permezz ta' talba lill-Qorti, terġa titniżżel mill-ġdid fuq ir-Reġistru;

9. Illi l-Liġi tipprovdi tali rimedju sabiex *inter alia* jkunu jistgħu jiġu kawtelati l-interessi proprjetarji tal-azzjonisti b'dan li ma jiġux inġustament preġudikati tramite t-telf tal-proprjeta favur il-Gvern ta' Malta. Ciononostante, għandu jingħad li tali rimedju jista' biss jiġi eżerċitat fi żmien ħames (5) snin minn meta l-kumpannija titħassar minn fuq ir-Reġistru;

10. Illi fil-każ odjern it-terminu ta' ħames (5) snin għadda mingħajr ma ttieħed dan ir-rimedju kemm minħabba fiċ-ċirkostanzi li sabet ruħha fiha l-kumpannija wara l-mewt ta' Cristino Cortis u problemi oħra illi kien hemm u għalhekk l-esponenti jinsabu f'sitwazzjoni fejn f'dan l-istadju m'għandhomx xi tip ta' rimedju legali, prattiku u effettiv sabiex jissalvagwardjaw id-dritt fundamentali tagħhom għall-proprjeta;

11. Illi madanakollu ċertament illi t-telf tal-proprjeta tagħhom a favur tal-Gvern ta' Malta u l-preġudizzju tal-interessi finanzjarji tagħhom minħabba nuqqasijiet regolatorji, ossia għaliex naqsu milli jippreżentaw id-dokumentazzjoni relattiva għal din il-kumpannija, u dan minħabba fiċ-ċirkostanzi partikolari guq spjegati, ċertament li jilledi d-drittijiet fundamentali tagħhom għat-tgawdija u l-preservazzjoni tal-proprjeta' tagħhom kif sanċiti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali;

12. Illi fil-fatt ċertament li huwiex ġust u wisq inqas mhux proporzjonali illi, minħabba l-fatt li l-esponenti għandhom jirregolaw ruħhom mar-Reġistratur tal-Kumpaniji billi jippreżentaw id-dokumentazzjoni meħtieġa u/jew billi jħallsu xi somom żgħar rappreżentanti ħlasijiet amministrattivi u penali amministrattivi minħabba l-preżentata tardiva ta' tali dokumentazzjoni (liema somom naturalment m'għandhom ebda oġġezzjoni illi jħallsu), huma jiġu mċaħħda minn u jitilfu proprjeta li tisqa mijiet ta' eluf ta' Ewro u għalhekk ferm u ferm iżjed minn dak li huwa minnhom dovut lir-Reġistratur tal-Kumpaniji;

13. Illi naturalment l-esponenti jiddikjaraw li huma disposti li jħallsu dak kollu minnhom dovut lir-Reġistratur tal-Kumpaniji, inkluż kwalsiasi ħlasijiet u penali amministrattivi skont il-Liġi, pero m'għandhomx jitilfu u jiġu mċaħħda mill-proprjeta tagħhom;

14. Illi di piu jiġi umilment sottomess li lanqas ma huwa ġust li l-esponenti fil-kapaċita tagħhom ta' azzjonisti tas-soċjeta' Vassallo & Cortis Ltd (C101258) jiġu preġudikati minħabba n-nuqqasijiet ta' terzi ossia tal-uffiċjali tal-istess soċjeta' li fuqhom kien jinkombi d-dmir u l-obbligu li

jaraw li l-istess soċjeta' tiġi amministrata b'mod li tirrispetta l-obbligi tagħha taħt il-Liġi;

15. Illi għalhekk l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Liġi b'dan il-mod fil-każ preżenti sejjer ikollu effett drakonjan billi l-esponenti jiġu irrimedjabilment ippreġudikati fid-dritt għat-tgawdija tal-proprjeta' tagħhom, u dan unikament minħabba l-aġir ta' terzi;

16. Illi ulterjorment l-esponenti jħossu li hemm nuqqas ta' ċertezza legali fir-rigward tal-immobbli *de quo agitur*, u dan billi filwaqt li l-Liġi tistipula li 'l-attiv tal-kumpannija jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta', l-istess Gvern ta' Malta ma jidher li jwettaq ebda atti pożittivi li bihom jeżegwixxi dan l-allegat jedd mogħti lilu mil-Liġi, b'dan għalhekk li t-trasferiment tal-proprjeta' ma jiġi qatt kristalizzat permezz ta' xi att pożitiv da parte ta' xi dipartiment, awtorita' jew entita statali oħra;

17. Illi dan jista' jfisser biss li l-esponenti jinsabu fi stat ta' inċertezza legali li hija leżiva għad-drittijiet proprjetarji tagħhom billi filwaqt li l-Liġi tistipula li tali proprjeta għaddiet f'idejn il-Gvern ma sar ebda att li permezz tiegħu l-Gvern eżerċita l-jedd mogħti lilu, u għalhekk l-esponenti m'għandhom għarfien dwar x'seħħ mit-titolu tal-proprjeta in kwistjoni u dwar il-jeddijiet konsegwenti għall-istess;

## Talba

Għaldaqstant, jgħidu għalhekk l-intimati, jew min minnhom, għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi kif ukoll għal dawk kollha li jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri:

i. Tiddikjara u tiddeċiedi li bl-operat tal-Artikolu 325 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-operat tal-Liġijiet viġenti, li permezz tagħhom il-proprjeta' tagħhom għaddiet u/jew sejra tgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta, qegħdin, ġew u/jew sejrin jiġu ppreġudikati u leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif sanċiti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif misjub fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Tiddikjara u tiddeċiedi li bl-operat tal-Artikolu 325 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-operat tal-Ligijiet viġenti, li permezz tagħhom il-proprjeta' tagħhom għaddiet u/jew sejra tgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta, qegħdin, ġew u/jew sejrin jiġu ppreġudikati u leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif sanċiti mill-Artikolu 13 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif misjub fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. Tagħti dawk ir-rimedji kollha meħtieġa u opportuni fil-konfront tar-rikorrenti, inkluż li tordna li, prevja kull ordni u provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun fil-konfront tar-rikorrenti, il-proprjeta' li kienet tappartjeni lis-soċjeta' 'Vassallo & Cortis Ltd' (C10128) ma ssirx proprjeta' tal-Gvern ta' Malta iżda proprjeta' tar-rikorrenti bħala l-azzjonisti tas-soċjeta' 'Vassallo & Cortis Ltd' u dan sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-Protest Ġudizzjarju Nru 363/2017, kontra l-intimati li huma minn issa nġunti *in subizzjoni*."

Rat ir-risposta tal-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Ministru għall-Finanzi u tal-Avukat Ġenerali (l-intimati Awtoritaijiet) tas-7 ta' Marzu 2019 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

1. "Illi in linea preliminari, l-Onor. Prim Ministru u l-Onor. Ministru għall-Finanzi m'humiex il-**leġittimi kontradittur**i għat-talbiet tar-rikorrenti u dan a tenur tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li l-manskoni ġuridika tal-Gvern f'kawżi ġudizzjarji hija vestita fil-Kap tad-Dipartiment konċernat. Ir-reġistrazzjoni u tħassir ta' kumpaniji u soċjetajiet f'Malta hija mansjoni li taqa' esklussivament taħt l-awtorita' tar-Reġistratur tal-Kumpaniji għalhekk il-kwistjoni imqajjma mir-rikorrenti għandha tkun indirizzata lejn ir-Reġistratur tal-Kumpaniji u l-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji f'Malta għa; kull interess li jista' jkollhom.

2. Illi in linea preliminari wkoll jiġi eċċepit li r-rikorrenti ma eżawrewx ir-rimedji ordinarji li tagħtihom il-liġi.

   Ir-rikorrent stess fir-rikors promotur jammettu li kellhom rimedju ordinarju li ma ġiex użat minnhom u cioe' r-rimedju kontemplat fl-artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jagħti lil membru jew kreditur tal-kumpanija r-rimedju ta' azzjoni quddiem il-Qorti fi żmien ħames snin mill-avviż ta' tħassir tal-kumpanija. Evidentement dan ir-rimedju tħalla jgħaddi u għalhekk din l-eċċezzjoni preliminarji hija ġustifikata.

   Il-prinċipji li jirregolaw il-materja tat-twettiq ta' rimedji ordinarji fl-isfond tal-azzjonijiet kostituzzjonali jinsabu fl-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fihom insibu speċifikat li l-qorti b'kompetenza kostituzzjonali għandha tirrifjuta milli tinqeda b'dawn is-setgħat speċjali mogħtija lilha mil-liġi, jekk kemm-il darba hija tkun sodisfatta li kien hemm disponibbli mezzi xierqa ta' rimedju taħt il-liġi ordinarja biex jindirizzaw il-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

3. Illi fil-mertu r-rikorrenti qed jilmentaw li l-azzjoni ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Kap 386 ma ġietx użata minnhom (għar-raġunijiet li huma biss jafu) u għalhekk dan wassal sabiex ġie vjolat id-dritt tagħhom għat-tgawdija tal-proprjeta' meta l-kumpanija in kwistjoni tħassret mir-Reġistru. Bid-dovut rispett, ir-rikorrenti m'humiex ġustifikati bl-ilmenti tagħhom. Dak li ġara f'dan il-każ huwa kollu regolat bil-liġi inkluż meta l-liġi stess bl-artikolu 325 (4) tal-Kap 386 tagħti r-rimedju li r-rikorrenti qed jgħidu li m'għandhomx. Jekk l-attiv tal-kumpanija għadda favur il-Gvern ta' Malta dan ġara għaleix il-kumpanija uriet matul iż-żmien li ma kinitx qegħda topera u apparti hekk minħabba nuqqas ta' azzjoni mill-membri tal-istess kumpanija.

4. L-esponenti jirrilevaw li ż-żmien ta' ħames snin li jsemmi l-artikolu 325(4) tal-Kap 386 sabiex tittieħed azzjoni fil-Qorti mill-membru tal-kumpanija li jħossu aggravat bit-tħassir mir-Reġistru huwa bla dubju ta' xejn żmien raġjonevoli u xieraq.

5. Illi r-rikorrenti qed jilmentaw ukoll minħabba allegat nuqqas ta' ċertezza legali dwar dak li jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta wara li kumpanija titħassar mir-Reġistru. Frankament kif il-Gvern jiġġestixxi dak li jgħaddi f'idejh bis-saħħa tal-liġi m'hijiex kwistjoni li tappartjeni jew li tolqot lir-rikorrenti u fi kwalunkwe każ il-liġi hija ċara meta titkellem li huwa l-attiv tal-kumpanija li jgħaddi f'idejn il-Gvern.

6. Ir-rikorrent qed jinvoka ksur tal-jedd għat-tgawdija paċifika ta' possedimenti ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Dwar dan jingħad minnufih li l-każ odjern żgur li ma jinkwadrax ruhu fi vjolazzjoni ta' dan il-jedd. La l-artikolu konvenzjonali u lanqas dak kostituzzjonali ma jipproteġu d-dritt tal-godimenti paċifiku tal-possedimenti jew proprjeta' mingħajr restrizzjoni ta' xejn. Kemm l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jelenkaw ir-restrizzjonijiet għal dan id-dritt. Safejn qed tiġi allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottometti li dan l-artikolu jipprovdi li jista' jkun hemm privazzjoni jew kontroll ta' użu tad-dritt għat-tgawdija tal-possediment meta dan ikun skond il-liġi u fl-interess pubbliku.

7. Illi mis-suespost isegwi li ma hemm ebda ksur ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja.

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

9. Għaldaqsant ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

10. Bl-ispejjeż."

Rat ir-risposta tal-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (l-intimata Awtorita') tas-7 ta' Marzu 2019 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

> "Illi l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, ma hijiex il-legittimu kontradittur stante li l-Awtorita' bl-ebda mod ma hija responsabbli ghal dak li qed jilamentaw minnu r-rikorrenti u lanqas ma huwa b'xi mod, lanqas remotement, fis-setgha tal-Awtorita li taghti r-rimedju rikjest mir-rikorrenti.
>
> Illi fil-fatt l-Awtorita eccipjenti m'ghandhiex x'taqsam fit-thaddim jew regolamentazzjoni tal-Att Dwar il-Kumpaniji. Ir-Regolatur tal-Kumpaniji huwa ir-Registratur tal-Kumpaniji u ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 497.27 dan huwa Agenzija awtonoma u distinta mill-Awtorita' eccipjenti.
>
> Illi b'hekk fil-konfront tal-Awtorita eccipjenti, ir-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez.
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-risposta tar-Reġistratur tal-Kumpaniji tad-9 ta' Marzu 2019 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

> "Illi l-kumpannija Vassallo & Cortis Ltd. ġiet reġistrata fl-1 ta' Diċembru 1988.
>
> Illi matul iż-żmien l-kumpannija de quo naqset totalmet mill-obbligi legali tagħha illi tibgħat d-dokumentazzjoni li kienet obbligata illi tibgħat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji ("Reġistratur") għar-reġistrazzjoni ai termini tal-liġi. Tant hu hekk illi, meta kien hem l-obbligu li tagħmel xi tibdil fl-istat tagħha sabiex tiġi in regola mal-Att dwar il-Kumpanniji, 1995 (l-"Att") il-kumpannija, minkejja illi fit-8 ta' Marzu 1999 ir-Reġistratur ta' dak iż-żmien avża permezz ta' ittra lis-soċjeta' (Dok.A), din xorta qatt ma bagħtet l-inkartament neċessarju għal-*compliance*, u dan skont l-obbligi tal-artikolu 428 tal-Att. Di piu', il-kumpannija naqset għal diversi snin milli tibgħat il-kontijiet u l-prospetti annwali tagħha kif huwa meħtieġ skont il-liġi.
>
> Illi tali nuqqas serju u kontinwu kien raġuni biżżejjed sabiex ir-Reġistratur jissoponi illi l-kumpannija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju u li l-uffiċjali u l-azzjonisti tagħha ma kellhom ebda interess illi l-isem tas-soċjeta' jibqa' fuq ir-reġistru. L-ittri ai termini tal-artikolu 325 ntbagħtu fl-10 ta' Diċembru 2002 fl-indirizz reġistrat tas-soċjeta' u fit-12 ta' Diċembru 2002 lid-diretturi Carmelo Cortis, Cristino Cortis, Anthony Vassallo u Joseph Vassallo fl-inidirizzi residenzjali rispettivi tagħhom, kif

magħrufa skont ir-*records* pubbliċi tal-kumpanniji miżmuma mir-Reġistratur (ittri annessi u mmarkati kollha flimkien Dok B). It-tieni korrispondenza kif mitluba mill-artikolu 325 (2) intbagħtet nhar is-16 ta' Jannar 2023 (ittri annessi u mmarkati kollha flimkien bħala Dok. Ċ) fejn kien mwissi illi tal-isem tal-kumpannija kien ser ikun ikkanċellat f'għeluq it-tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-avviż minn fuq ir-reġistru kemm il-darba ma tkunx intweriet raġuni valida għaliex dan m'għandux iseħħ, u konsegwentement l-assi tal-kumpannija kellhom jgħaddu f'idejn il-Gvern ta' Malta.

Minkejja l-korrispondenza hawn fuq imsemmija r-Reġistratur baqa' ma ġiex informat li r-rikorrenti kellhom xi interess sabiex l-isem tas-soċjeta' ma jitħassarx minn fuq ir-reġistru. Mhux talli hekk, talli r-Reġistratur kien irċeva korrispondenza mingħand Anthony Vassallo, wieħed mid-diretturi, illi kkonferma li l-kumpannija ma kienetx qed topera u saħansitra qatt ma operat. Huwa kien ukoll annessa mal-ittra konferma mingħand il-bank (korrispondenza annessa u mmarkata bħala Dok. D).

Għaldaqstant ir-Reġistratur kompla jwettaq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu fuq ċitat billi fit-18 ta' Frar 2003 ippubblika avviż f'gazzetta li toħroġ kuljum u ieħor fl-14 ta' Frar 2003 fil-gazzetta tal-Gvern fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija kien ser jitħassar minn fuq ir-reġistru sakemm f'egħluq tliet xhur mid-data tal-aħħar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviż ma tkunx intwerit raġuni biex isir il-kuntrarju, u l-attiv tal-kumpannija jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta (l-avviż huwa anness u mmarkat bħala Dok. E).

Illi, wara l-proċedura kollha hawn fuq imsemmija, ir-Reġistratur ippubblika avviż fil-Gazzetta tal-Gvern nhar l-1 ta' Lulju 2003 illi l-isem tal-kumpaniji ġiet mħassar minn fuq ir-reġistru (l-avviż huwa anness u mmarkat bħala Dok F).

Is-subartikolu 4 tal-Artikolu 325 jipprovdi illi xi membru, kreditur tal-kumpannija jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jista' jkollha interess li l-isem tal-kumpannija jerġa' jitqiegħed lura fuq ir-reġistru jista' jagħmel rikors għal dan l-għan lill-istess Qorti fi żmien massimu ta' ħames snin mid-data tal-publikazzjoni tal-avviż. Tali rikors fil-fatt qatt ma sar u kien biss permezz tal-protest ġudizjarju preżentat fil-Qorti nhar l-20 ta' Novembru 2017 illi r-Reġistraur sar jaf illi kien hemm xi interess fil-kumpannija mir-rikorrenti.

Illi r-Reġistratur jirrimarka li din il-proċedura hija stabbilita fil-liġi, liema liġi tipprovdi għal opportunita' biex persuni interessati jistgħu jitolbu rimedju fi żmien stabbilit. Huwa ċar illi r-rikorrenti ma taw ebda attenzjoni lil din is-soċjeta' tul snin twal meta kienet teżisti u saħansitra anki meta isimha ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru. Illi l-każ hawnhekk mhuwiex sempliċient illi r-rikorrenti naqsu milli jħallsu xi ħlasijiet dovuti lir-Reġistratur iżda li s-soċjeta' naqset bil-kbir mil-obbligi tagħha skont il-liġi għal diversi snin u għalhekk ġiet soġġetta għal proċeura skont l-Att, liema proċedura r-Reġistratur segwa kif suppost u li wasslet sabiex il-kumpanija tiġi mħassra minn fuq ir-reġistru.

Illi tajjeb wieħed jinnota illi kif diġġa' spjegat hawn fuq, il-proċedura nbdiet mhux minħabba n-nuqqas ta' ħlasijiet dovuti lir-Reġistratur, kif allegat fil-

paragrafu 12 tar-rikors odjern, iżda għaliex ir-Reġistratur ħass illi peress li la kien sar il-*compliance*, la kienu ġew sottomessi prospetti annwali u lanqas il-kontijiet annwali, iżda għaliex is-soċjeta' kienet tidher li ma kienetx qed topera. Illi kien għal dawn ir-raġunijiet li r-Reġistratur bagħat l-imsemmija ittri, għal darba darbtejn sabiex seta jissoponi illi tali soċjeta' ma kienetx qed topera. Ir-Reġistratur kompla afferma l-ħsieb tiegħu meta wieħed mid-diretturi kkonferma illi l-kumpanija ma kienetx qed topera.

Illi r-Reġistratur umilment jirrimarka illi finalment il-proċedura fuq imsemmija hija waħda stabbilita mil-liġi u huwa mexa skond id-dispożizzjonijiet u skont il-fatti u l-merti tal-każ odjern.

Bl-ispejjeż u salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-risposta tal-kjamat fil-proċedura Anthony Vassallo (l-kjamat) tat-30 ta' Ġunju 2021 (a' fol 143) li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. "Illi t-talbiet attrici huma gusti u ghandhom jigu milqugha minn din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi huwa car li l-Artikolu 325 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta jikser l-artikolu 1 tal-Protocol 1 tal-Konvenzjoi Ewropeja u dan ghaliex l-imsemmi Artikolu ma jirrispettax il-principju ta' proporzjonalita, u konsegwentement ma johloqx a fair balance, bejn id-dritt ta' l-Istat biex jillegizla skont l-ezigenzi tal-pajjiz u d-dritt tac-cittadin li ikun qieghed jigi limitat permezz tal-legizlazzjoni addotata.

3. Illi ghalkemm l-Istat ghandu d-dritt illi jillegizla sabiex jirregola fost l-ohrajn illi socjetajiet kummercjali registrati mar-registratur tal-kumpaniji ikunu qeghdin joperaw, it-telf ta' l-assi tal-kumpanija favur il-Gvern ta' Malta hija soluzzjoni sproporzjonata ghaliex icahhad lill-azzjonisti tal-istess socjeta mill-proprjeta taghhom u ghalhekk dan jammonta ghal tehid sfurzat tal-proprjeta minghajr kumpens xieraq bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Protocol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

4. Illi semmai il-kancellament ta' kumpanija ghandu iwassal sabiex kull ass li ghandha l-kumpanija jiddevolvi fuq l-azzjoni li huma d-defacto sidien tal-kumpanija u indirettament sidien tal-assi taghha, u mhux tittiehed b'mod sfurza mill-gvern minghajr ma jinghata kumpens xieraq ghalija.

5. Illi t-tehid sfurzat tal-proprjeta minghajr ebda kumpens mhux biss huwa leziv tad-drittijiet proprjetarji tas-sid, imma mhu kontemplat imkien iehor fil-ligi civili taghna u ghalhekk l-Artikolu 325 huwa leziv tad-drittijiet proprjetarji gjaladarba icahhad lill-azzjonisti mill-proprjeta

immobbli taghhom meta tali proprjeta, minflok ghaddiet ghandhom bhal ma kien jigri f'kaz ta' likwidazzjoni, u xoljiment tal-kumpanija, ghaddiet direttament ghand il-Gvern ta' Malta.

6. Illi semmai jekk hemm xi penali jew spejjez dovuti lir-Registratur, dawn ghandhom ikunju kreditu civili, bhal ma huma fost l-ohrajn it-taxxa fuq id-dhul, il-VAT, u l-bollol, u numru ta' haslijiet ohra li talvolta ikunu dovuti lill-Gvern ta' Malta, imma certament m'ghandhomx iwasslu ghal tehid sfurzat tal-proprjeta minghajr kumpens u minghajr l-ottjeniment ta' l-ebda titolu ezekuttiv.

7. Illi semmai r-Registratur intimat ghanud ikollu l-poter li jithallas direttament mill-assi tal-kumpanija u jinghata privilegg fuqhom ghal kull ammont li jista' talvolta ikun dovut lilu, meta din tigi kkancellata ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kapm 386 tal-Ligijiet ta' Malta, imma certament li tali assi fl-intier taghhom, indipendentement minn jekk jezistix xi dejn o meno, u indipendentement mill-komposizzjoni ta' tali assi, jiddevolvu awtomatikament fuq il-Gvern ta' Malta, hija soluzzjoni sproporzjonata u tikkreja *an unfair and excessive burdern* fuq l-azzjonisti.

8. Illi hija redikola kif l-azzjonisti jigu zvestiti mid-drittijiet proprjetarji taghhom fuq l-assi tal-kumpanija u dan sempliciment ghaliex il-kumpanija ma kienetx operanti. Illi semmi hija l-kumpanija li ghandha tigi xolta jew kkancellata, pero minghajr it-telf ta' l-assi favur il-Gvern.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri mill-partijiet.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

## Punti ta' fatti

**1.** L-awtur tar-rikorrenti Teresa Cortis, Josef Cortis, Caroline Tanti, Stefan Cortis u Christopher Cortis, li kien jismu Cristino Cortis, kien soċju flimkien mar-rikorrent Carmel Cortis, il-Kjamat u Joseph Cortis f'ismha ndaqs fis-Soċjeta' Vassallo & Cortis Ltd. Jidher li l-uniku propjeta' li kellha din is-Soċjeta' kienet remissa l-Marsa li llum hija stmata li tiswa €450,000 (a' fol 149).

**2.** Jidher li r-rikorrenti kienu jħallu f'idejn il-kjamat sa fejn jirrigwarda kull proċedura mal-intimat Reġistratur. Għalkemm il-kjamat kien iserħilhom moħħhom li kollox kien in regola, fil-fatt għal raġunijiet li jafhom hu, ma kienx minnu li kien qiegħed jieħu ħsieb. Anzi għall-kuntrarju kien saħansitra bagħat ittra lill-intimat Reġistratur li din is-Soċjeta' qatt ma operat (ara a' fol 33).

**3.** F'dawn iċ-ċirkostanzi l-intimat Reġistratur beda l-proċedura biex din is-Soċjeta' tiġi imħassra minn fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet. L-intimat Reġistratur jgħid li huwa bagħat l-ittri kollha skont il-liġi. Bħala fatt l-intimat Reġistratur jgħid li bagħat is-segwenti ittri:

**4.** Ittra datata 8/3/99 fejn ir-Reġistratur indirizzaha lid-Diretturi. Indirizz 20, Ferris Street , Rabat li huwa l-indirizz reġistrat tas-Soċjeta' (a' fol 21u a' fol 71). Oħra indirizzata lill-istess tal-10/12/02. F'din l-ittra ssir referenza għall-artikolu 325(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta (a' fol 22). Ittra bl-istess data indirizzata lil Anthony Vassallo fl-indirizz Vassallo House , Ħal

Tartarni Street, Rabat datata 12/12/02. Jerġa' jissemma' l-art 325(1)(a' fol 23). Ittra bl-istess data indirizzata lil Carmelo Cortis fl-indirizz 22, Riebu Well Street Rabat (a' fol 24). Ittra bl-istess data lil Cristino Cortis fl-indirizz 23, Riebu Well Street, Rabat (a' fol 26). Ittra lil Joseph Vassallo datata l-istess fl-indirizz 20, Ferris Street, Rabat (a' fol 27). Ittra lil Carmelo Cortis ta' 22, Riebu Well Street, Rabat tal-21 ta' Jannar 2003 b'referenza għall-artikolu 325(2) (a' fol 28 ibid lil Cristino Cortis, Joseph Vassallo a' fol 28 sa 29). Ittra datata 21/1/2020 lil Anthony Vassallo b'referenza għall-artikolu 325(2) (a' fol 30).

**5.** Konsegwentement l-intimat Reġistratur għadda biex japplika l-provvedimenti tal-artikolu 325 tal-Kap 386 tal-liġijiet ta' Malta bl-effetti kollha li dan iġib miegħu inter alia li kull propjeta' għaddiet f'idejn il-Gvern ta' Malta. Għalhekk b'avviż fil-gazzetta tal-Gvern tal-14 ta' Frar 2003 ai termini tal-artikolu 325 (2) tal-Kap 386 tal-liġijiet ta' Malta, is-Soċjeta' ġiet imħassra. Fiha hemm ukoll avviż li jgħid "*L-attiv tal-kumpaniji imsemmija jghaddu f'idejn il-Gvern ta' Malta meta isimhom jithassar minn fuq ir-Registru*." (a' fol 35). B'avviż ieħor fil-gazzetta tal-Gvern tal-1 ta' Lulju 2003, ir-Reġistratur għarraf li isem is-Soċjeta' ġie imħassar bis-saħħa tal-artikolu 325(2) tal-Kap 386.

**6.** Ir-rikorrenti jgħidu li b'dan kollu huma ma kienu jafu b'xejn. Saru jafu meta wieħed mir-rikorrenti talab lill-kjamat biex iżomm żiemel fir-remissa, u dan ma tahx il-permess. Wara li marru jieħdu l-pariri biex jaraw x'inhuma

d-drittijiet saru jafu li mhux biss is-Soċjeta’ kienet defunta u anke qabżulhom iż-żmien biex jirxuxtawha, talli anke l-propjeta’ inkwistjoni ma kienetx għadha tagħha għaliex bis-saħħa tal-liġi għaddiet f’idejn il-Gvern. Nel frattemp tul dan iż-żmien kollu, huma dejjem baqgħu fil-pussess ta’ din il-propjeta.

**7.** Ir-rikorrenti qegħdin jikkontendu li mhux sewwa li huma tilfu din il-propjeta’. Fl-ewwel lok għaliex ma kienx tort tagħhom u fit-tieni lok għaliex il-liġi kif inhi ma hiex ġusta.

**8.** Għalhekk għamlu din il-Kawża.

**Punti ta’ Liġi**

**9.** Mit-talbiet rikorrenti jirriżulta, li l-argument prinċipali tar-rikorrenti jikkonsisti fil-fatt li l-artikolu 325 tal-Kap 386 tal-liġijiet ta’ Malta jilledilhom id-dritt fundamentali tagħhom kif imħarsa minn artikolu 37 u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni rispettivament. Dawn huma l-artikoli li jħarsu id-dritt fundamentali għat-tgawdija u paċifiku possediment tal-propjeta’ mingħajr interferenza mhux ġustifikata mill-Istat.

L-ewwel żewġ subinċiżi tal-artikolu 525 jiddisponu hekk:

*“(1) Meta r-Reġistratur ikollu raġuni biżżejjed biex jaħseb li kumpanija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista’ <u>jibgħat lill-kumpanija ittra bil-posta</u> fejn jistaqsi jekk il-kumpanija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Reġistratur jirċievi tweġiba fis-sens li l-kumpanija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jirċevix tweġiba fi żmien xahar minn meta jkun bagħat l-ittra, dan jista' jibgħat lill-kumpanija bil-posta u jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta li, f'egħluq tliet xhur mid-data tal-aħħar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviż, l-isem tal-kumpanija għandu,kemm-il darba qabel ma tintwerix raġuni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Reġistratur ikun sodisfatt li hemm raġunijiet biżżejjed biex ma jipproċedix bit-tħassir, jitħassar minn fuq ir-reġistru, u l-attiv tal-kumpanija jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta."* (Emfażi tal-Qorti).

**10.** Ir-rikorrenti qed jilmentaw li l-applikazzjoni tal-provedimenti tal-artikolu 325 tal-Kap 386 tal-liġijiet ta' Malta jikser id-drittijiet fundamentali tagħhom għat-tgawdija tar-remissa mertu ta' dawn il-proċeduri. Dan għaliex il-mod kif din il-proprjeta' għaddiet f'idejn il-Gvern ta' Malta m'huwiex wieħed ġust u ma jikkrejax bilanċ bejn id-drittijiet tagħhom bħal li għandhom interess, anke jekk indirett u l-miri li trid tilħaq il-liġi. Jsegwi li huma ġew dispussessati minn din il-propjeta' mingħajr kumpens xieraq kif trid il-liġi. Ir-rikorrenti jinsistu li bil-mekkaniżmu legali li jipprovdi l-artikolu 325 tal-Kap 386 huma ser ikunu mċaħħda mit-tgawdija ta' interess patrimonjali mingħajr ma jingħataw kumpens xieraq .

**11.** Sa fejn jirrigwarda x-xorta ta' rimedju li jrid jingħata, din il-Qorti temmen li sa fejn huwa possibli għandu jiġi applikat il-prinċipju tar-*restitutio ad integrum.* Meta ma jkunx possibbli li dan isir il-kumpens għandu jkun wieħed monitarju. Kumpens non-pekunjarju huwa dejjem possibbli jekk ikun il-każ.

**12.** Fil-każ ta' teħid forzus ta' propjeta huwa rilevanti dak li josservaw l-Awturi fuq prassi tal-ECHR:

"*In the **Sporrong and Lonnorth** case the Court adopted the view that it had to determine whether a fair balance was struck between the demands of general interest of the community and the requirements of the protection of the indiviual' fundamental rights"* (Emfażi tal-Qorti Ara **Van Djik u Van Hoof, 2nd ed. Pg 461**).

**13.** Dan huwa l-prinċipju kardinali li għandu jiggwida lil din il-Qorti fil-każ li għandha quddiemha. Pero' jrid jiġi ukoll stabbilit jekk dak li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti huwiex fil-fatt interferenza inġusta fit-tgawdija tal-propjeta' mertu ta' dawn il-proċeduri mir-rikorrenti.

**Konsiderazzjonijiet**

**14.** Qabel ma din il-Qorti tgħaddi biex tikkunsidra l-mertu, l-ewwel ikun jaqbel li jiġu epurati xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari. L-ewwel min huwa l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, u t-tieni jekk ir-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju u ma eżawrewhx.

*Il-leġittimi kontradditturi*

**15.** L-ewwel eċċezzjoni tal-intimati Awtoritajiet hija fis-sens li l-Onor Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi ma humiex il-leġittimi kontradditturi.

**16.** Mill-ewwel jibda biex jingħad li huwa ċar mir-rikors promotur, li r-rikorrenti ma humiex jattakkaw xi għemil amministrattiv iżda l-anti-kostituzzjonalita' tal-artikolu 325 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. L-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:-

"*181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkuninkarigat fil-materja in kwistjoni: Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*

*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħuf'kull każ isiru mill-Accountant General;*

*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*

*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

*(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern".*

**17.** Il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jgħidu dawn il-Qrati. Dawn josservaw li l-Art 181B tal-Kap 12 jittratta r-rappresentanza ġudizzjarja tal-Gvern. Dan l-artikolu kien miżjud bl-Att XXIV tal-1995. Din id-disposizzjoni ma tagħmel l-ebda distinzjoni dwar l-għamla ta' proċedura ġudizzjarja li għaliha tirreferi. Li jfisser illi tkopri kawżi ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali (ara – **pg 64 ta` "Constitutional Procedure Relative to Fundamental Rights and Freedoms" – Giuseppe Mifsud Bonnici – 2004**).

**18.** Issa artikolu 181B jiddisponi li "*(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni*:" Di piu' subinċiż tnejn ta' dan l-artikolu, jagħmilha ukoll ċara li l-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.

**19.** Issa t-talbiet huma maħsuba li jattakkaw liġi li bħala tali huwa l-Istat li jirrispondi għal talba bħal din. Għalhekk fil-waqt li t-talbiet huma ben diretti kontra l-Avukat Ġenerali, li fil-mument meta saret il-Kawża hu kien għadu jirrapresenta lill-Istat u kif ukoll kontra r-Reġistratur tal-Kumpaniji, l-intimati l-oħrajn, inkluża l-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ma humiex il-leġittimi kontraditturi u għalhekk ser ikunu liberati mill-osservanza

tal-ġudizzju. Tajjeb li jingħad ukoll li l-intimat Reġistratur fir-risposta tiegħu f'ebda ħin ma jgħid li ma huwiex il-leġittimu kontradittur.

_Eżawriment tar-rimedji ordinarji._

**20.** Ħlief għall-intimata Awtorita', l-intimati l-oħra kollha jissollevaw il-punt li li r-rikorrenti naqsu li jeżawrixxu r-rimedju ordinarji mogħtija mill-istess liġi u dan għaliex ma prevelawx rwieħhom mill-fakulta' li jipprovdi l-artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-liġijiet ta' Malta. Dan is-subartiklu jipprovdi hekk:

*"Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u*

*f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru."*

**21.** Għalhekk għall-fatt biss li r-rikorrenti ma eżerċitawx dan id-dritt fi żmien mogħti mil-liġi, din il-Qorti qiegħda għalhekk tiġi mitluba tiddeklina milli teżerċita l-funzjonjiet tagħha ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**22.** Fuq dan il-punt il-Qorti tirreferi għal ġurisprudenza ċitata mill-**Qorti Kostituzzjonali fil-kawża Vincent Curmi bħala amministratur tal-eredita` tal-Markiż John Scicluna, Christianne Ramsay Pergola u Mignon Marshall vs Avukat Ġenerali et deċiża fl-24 ta' Ġunju 2016**:

*"In tema legali ssir referenza ghas-sentenza moghtija fis-27 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet Louise Xerri et vs Kummissarju tal-Artijiet, fejn din il-Qorti rribadiet li: "...lum huwa assodat fil-gurisprudenza li biex l-ewwel Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha jehtieg li l-ligi ordinarja taghti rimedju prattiku, accessibbli, effettiv, adegwat u shih ghal-lanjanza tal-atturi. M'huwiex necessarju success garantit, basta li r-rikorrent ikollu l-opportunita' fil-ligi ordinarja li jakkwista tali rimedju bl-applikazzjoni ta' dik il-ligi [vide fost ohrajn Q.Kos. Olena Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriates Affairs, deciza fis-16 Jannar 2006 u iktar recenti Q. Kos. Rea Ceramics Limited [C 23288] -vs- Kunsill Malti ghall-Isport u l-Avukat Generali ghan-nom tar-Repubblika ta' Malta ghal kull interess li jista' jkollha, deciza fit-18 ta' Lulju 2014].*

*Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett* ***u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja*** *sabiex, minn naha wahda l-qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b'kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom kienu jezistu rimedji ohrajn effettivi u, minn naha l-ohra, sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni."* (Emfażi ta' din il-Qorti)

**23.** Issir referenza wkoll għas-**Sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) mogħtija fil-15 ta' April 2014 fl-ismijiet Lawrence Grech et vs it-Tabib Prinċipali tal-Gvern [Saħħa Pubblika] et**, fejn ġew elenkati s-segwenti prinċipji li huma applikabbli wkoll għall-każ odjern:

"…[*b] li d-diskrezzjoni li tuza' l-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma` kawza ta' natura kostituzzjonali ghandha torbot,* ***sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalita', ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha*** *;*

*[c] m`hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull kaz jehtieg jigi mistharreg fuq ic-cirkostanzi tieghu;*

*[d] in-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m`huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma` l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu;*

*[e] in-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent –* ***minhabba l-imgiba ta' haddiehor*** *m`ghandux ikun raguni biex il-Qorti twarrab is-setghat taghha li tisma` l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent …"* (Emfażi tal-Qorti).

**24.** Issa ai fini ta' din l-eċċezzjoni, il-Qorti ma tistax ma tosservax li artikolu 352(2) apparti li jridu jinbagħtu l-ittri fuq imsemmija u jinħareġ avviż fil-gazzetta tal-Gvern jrid ukoll jinħareġ avviż *f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta.* Il-Qorti eżaminat b'reqqa l-provi u minn imkien ma jirrisulta li dan sar. Ġie eżebit il-file kollu u minnu ma jirrisultax li saret il-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali u b'dana kollu l-avviż li l-propjeta' inkwistjoni għaddiet f'idejn il-Gvern xorta inħareġ (ara a' fol 87 sa 105). Li kieku llum r-rikorrenti jridu b'xi mod jiddisponu minn din il-propjeta' l-anqas jistgħu għaliex meta t-terz jagħmel ir-riċerki b'ċertezza ser isib ostaklu derimenti għall-aħħar: li din il-propjeta' ma għadhiex la tal-kumpanija defunta u wisq anqas tar-rikorrenti.

**25.** Issa din il-Qorti temmen, li din il-proċedura tant hija drakonjana, li ma għandha ebda dubbju, li għandha dejjem tiġi segwita *ad unguem*, ħaġa li l-intimat Reġistratur ma għamilx bin-nuqqas ta' pubblikazzjoni f'gazzetta lokali. Il-Qorti ma hiex adita biex tiddikjara dwar il-validita' o meno tal-mod kif saru l-affarijiet, imma żgur, li ma tistax tinjora dan il-fattur għaliex tkun qed twettaq inġustizzja hija stess.

**26.** Waqt il-Kawża sar dibattitu sħiħ jekk ir-rikorrenti kienux ġew notifikati bl-ittri rikjesti mil-liġi. Kif ser naraw, il-liġi tagħna hija mudellata kelma b'kelma minn fuq dik ingliża li ukoll kull ma tirrekjedi a "letter by post". Bl-istess mod il-liġi Ċiprijotta u dik ta' Ġibilita'. Imma bir-rispett kollu huwa minn awl id-dinja li xi xorta ta' prova indipendenti li l-ittra tassew intbagħtet għandu dejjem ikun hemm u sa fejn tista' tista' tifhem din il-Qorti, s-servizz tal-posta reġistrata għalhekk qiegħed. Imma lanqas dan il-minimu ma jsir fi proċedura daqstant importanti u li hija fil-prattika forma ta' espropjazzjoni.

**27.** Carmelo Cortis jixhed li la hu u l-anqas il-mara ta' ħuh ma kienu irċevew avviżi li l-Kumpanija ser tispiċċa għaliex li kieku żgur kienu jagħmlu dak li kien hemm bżonn biex iżommuha ħajja (a' fol 80 affidavit Carmelo Cortis u a' fol 167). Marthese Cortis, l-armla ta' Kristinu ukoll tikkonferma li ma kienu irċevew xejn (a' fol 82). Pero' tajjeb ukoll li jingħad li f'mument tax-xhieda in kontro eżami Carmelo Cortis jgħid hekk, li meta l-korrispondenza "*Tkun Vassallo & Cortis u mmur naghtihielu*" b'referenza ghall-kjamat. Fuq mistoqsija "*Igifieri fl-istess nifs Sur Cortis ma tistax tghid u tahlef b'gurament li inti qatt ma ircevejt minghand ir-registratur?"* Iwiegeb: "*Le, hija ma nistax nghidlek le ghax inkun qed nigdeb"* (fol 167 u 168 tergo).

**28.** Issa din il-Qorti tista' tiddeduċi li Carmelo Vassallo dak kollu li kien jirċievi kien jgħaddih lill-kjamat, li kien jagħti l-impressjoni li qed jieħu ħsieb meta ma kienx. L-anqas pero' ma hemm prova univoka li r-rikorrenti l-oħrajn irċevew dawn l-ittri li kienu jinbagħatu b'posta ordinarja. Imma fi

kwalunkwe każ ir-rikorrenti ma kienux ben notifikati kif trid il-liġi, kemm għaliex ma saritx il-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali u kif ukoll għaliex din il-Qorti ma għandha ebda prova konkreta li r-rikorrenti kollha kienu notifikati bl-ittri kif suppost.

**29.** Imma indipendentement minn dan kollu, huwa għal kollox fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti għandhiex tiddeklina li teżerċita l-poteri tagħha taħt artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Għalkemm huwa minnu li numru ta' Sentenzi jagħtu tipi ta' sitwazzjonijiet fejn din il-Qorti għandha tiddeklina, l-għan aħħari ta' dawn il-proċeduri dejjem jibqa' li fejn ikun hemm sitwazzjoni li ser issir inġustizzja jew kif intqal aktar 'l fuq hemm ***raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tal-liġi*** din il-Qorti ma għandhiex tiddeklina.

**30.** Il-Qorti tqies li din il-parti tal-liġi hija intrinsikament ħażina, mingħajr ebda skop li jinteressa lill-pubbliku, iċċaħħad valur ekonomiku li fit-test franċiż protokollari huwa meqjus bħala "biens" li għandu tifsira aktar wisgħa u anqas restrittiva minn dik fit-test Ingliż ta' "property". Fil-fatt ġie spjegat li *"... By recognising that everyone has the right to the peaceful enjoyment of his possessions, Article 1 is in substance guaranteeing the right of property. This is the clear impression left by the words "possessions" and "use of property" (in French: "biens", "propriété", "usage des biens"); the travaux préparatoires, for their part, confirm this unequivocally: the drafters continually spoke of "right of property" or "right to property" to describe the*

*subject-matter of the successive drafts which were the forerunners of the present Article 1. Indeed, the right to dispose of one's property constitutes a traditional and fundamental aspect of the right of property ... The second paragraph of Article 1 nevertheless authorises a Contracting State to "enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest". This paragraph thus sets the Contracting States up as sole judges of the "necessity" for such a law .... As regards "the general interest", it may in certain cases induce a legislature to "control the use of property"* (Ara **Markx -vs- Belgium**)

**31.** Aktar minn hekk il-liġi l-anqas toffri xi xorta ta' kumpens. Li jiġri hu li l-porpjeta' tgħaddi f'idejn il-Gvern fil-waqt li l-passiv jibqa' jġorru l-individwu. Dan tant huwa minnu li artikolu 325 (6) jiddisponi li *"Minkejja li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġistru skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, ir-responsabbilità, jekk il-każ, ta' kull direttur jew uffiċjal ieħor tal-kumpanija u ta' kull membru tal-kumpanija għandha tkompli u tista' tiġi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar mir-reġistru".* Fi ftit kliem il-Gvern jieħu l-perżuta u l-għadma iħalliha għall-individwi fosthom is-soċji. Dan ifisser ukoll li fejn tapplika l-liġi tgħarraf lis-soċji. Fil-fehma ta' din il-Qorti sitwazzjoni inġusta għall-aħħar li hija biss frott mhux ta' neċessita' pubblika iżda ta' plaġjarismu legali stante li addottajna b'għajnejna magħluqa l-liġi Ingliża. Il-Qorti ukoll tistaqsi retorikament jekk bħal mal-individu huwa tajjeb biex jieħu fuq spalltu l-passiv għaliex mhux l-attiv ukoll. Illi meta jkun il-każ ta' liġi intrinsikament

ħażina u anti-kostituzzjonali fin-natura tagħha, id-dottrina tal-eżawriment tal-azzjonijiet ordinarji ma ssibx applikazzjoni u l-Qorti ma għandhiex tilqa' stedina biex tiddeklina milli tisma' l-każ altrimenti tkun qed twettaq inġustizzja fuq inġustizzja.

**32.** Kif rajna żbalji saru anke bil-mod kif inħareġ l-avviż għaliex kien propju l-intimat Reġistratur li ma mexiex mar-rekwiżiti tal-liġi u dan kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel. Di piu', li propjeta' li tiswa €450,000 tgħaddi f'idejn il-Gvern b'din il-faċilita' għad-detriment ta' min jista' jkollu interess patrimonjali fiha ma hiex sitwazzjoni aċċettabbli għal din il-Qorti.

**33.** Għalhekk anke din l-eċċezzjoni qed tkun miċħuda.

*Il-mertu*

**34.** Kif diġa' aċċennat, il-liġi tagħna hija imfassla fuq dik ingliża. Art 1012 tal-Att Ingliż li jirregola il-materja jiddisponi hekk:

"***Property of dissolved company to be bona vacantia***

(*1) When a company is dissolved, all property and rights whatsoever vested in or held on trust for the company immediately before its dissolution (including leasehold property, but not including property held by the company on trust for another person) are deemed to be bona vacantia and*

-

*(a) accordingly belong to the Crown, or to the Duchy of Lancaster or to the Duke of Cornwall for the time being (as the case may be), and*

*(b) vest and may be dealt with in the same manner as other bona vacantia accruing to the Crown, to the Duchy of Lancaster or to the Duke of Cornwall.*

*(2) Subsection (1) has effect subject to the possible restoration of the company to the register under Chapter 3 (see section 1034). Uk company law".*

**35.** Il-liġi Ingliża tikkonsidra l-propjeta' ta' kumpanija bħal propjeta' li ma hemmx xi xorta ta' talba għaliha minn min jidhirlu li huwa propjetarju.

F'Sentenza tal-Qorti suprema tal-Indja dan il-kunċett ġie deskritt hekk:

*"...principle on which **bona vacantia** and escheat fall to the Crown is the same, that is, that there being no private persons entitled, the Crown takes." We may point out that...lapsing for want of an heir or successor and all property within the said territories devolving, as **bona vacantia** for want of a rightful owner, shall (as part of the revenues of India) belong to the...or successor; and (ii) where there was even no owner of the property. The first of the two situations was described in terms of "escheat or lapse" and the second in terms of "**bona vacantia**". (*Ara **<u>Sheo Nand And Others -vs- Deputy Director Of Consolidation, Allahabad And Others</u> tat-3 ta' Frar 2000**).

Il-liġi Ċiprijotta ukoll tipprovdi hekk:

*“328. Where a company is dissolved, all property and rights whatsoever vested in or held on trust for the company immediately before its dissolution (not including property held by the company on trust for any other person) shall, subject and without prejudice to any order which may at any time be made by the Court under sections 326 and 327 be deemed to be bona vacantia and shall accordingly belong to the Republic, and shall vest and may be dealt with in the same manner as other bona vacantia accruing to the Republic.*

*Art 304(6) (6) The Court may, on an application by any person who either claims any interest in any disclaimed property or is under any liability not discharged by this Law in respect of any disclaimed property and on hearing any such persons as it thinks fit, make an order for the vesting of the property in or the delivery of the property to any persons entitled thereto, or to whom it may seem just that the property should be delivered by way of compensation for such liability as aforesaid, or a trustee for him, and on such terms as the Court thinks just, and on any such vesting order being made, the property comprised therein shall vest accordingly in the person therein named in that behalf without any conveyance or assignment for the purpose:*

*Art 327(7) (7) If a company or any member or creditor thereof feels aggrieved by the company having been struck off the register, the Court on*

*an application made by the company or member or creditor <u>before the expiration of twenty years</u> from the publication in the Gazette of the notice aforesaid may, if satisfied that the company was at the time of the striking off carrying on business or in operation, <u>or otherwise that it is just that the company be restored to the register,</u> order the name of the company to be restored to the register, and upon an office copy of the order being delivered to the registrar for registration the company shall be deemed to have continued in existence as if its name had not been struck off; and the Court may by the order give such directions and make such provisions as seem just for placing the company and all other persons in the same position as nearly as may be as if the name of the company had not been struck off."* (Emfażi tal-Qorti).

**36.** Minn din il-parti tal-liġi Ċiprijotta nisiltu żewġ konklużjonijiet. L-ewwel waħda, li bħal tagħna hija imfassla fuq dik Ingliża u t-tieni ż-żmien sabiex min huwa interessat ikun jista' jirriklama d-drittijiet tiegħu f'każ li Soċjeta' tiġi imħassra mir-reġistru huwa ħafna itwal minn dak tagħna. Il-Qorti tifhem għalfejn, propju biex jiġu evitati sitwazzjonijiet bħal dik li għandha quddiemha din il-Qorti tant li dik il-liġi tippermetti *"<u>that it is just that the company be restored to the register</u>".* Li kieku il-liġi tagħna kienet tipprovdi l-istess rimedju, x'aktarx ir-rikorrenti ma kienux jispiċċaw jagħmlu dawn il-proċeduri għaliex huwa evidentement ġust li l-vantaġġi ekonomiċi li tiġġenera l-kumpanija jispiċċaw f'idejn is-soċji jew l-eredi tagħhom u mhux f'idejn il-Gvern.

**37.** Fil-fatt din il-Qorti hija tal-fehma soda, li l-effetti tal-artikolu 325(2) huma ekwipollenti għad-deprivazzjoni ta' valur ekonomiku li jispetta lis-soċji u mhux lill-Gvern. Huwa effettivament xorta ta' espropjazzjoni de facto mingħajr kumpens maskerat minn provvediment tal-liġi, li din il-Qorti frankament ma tistax tifhem għaliex għandu jkun hekk u x'inhu l-għan leġġittimu jrid jilħaq għaliex żgur ma huwiex l-interess ġenerali tas-Soċjeta'. (ara **Sentenza tat-30 ta' Awwissu, 2004 Rikors Numru. 470/1994/1, tal-Prim Awla, Sede Kostituzzjonali, fl-ismijiet L-Onorevoli Perit Dominic sive Duminku Mintoff -vs- L-Onorevoli Prim' Ministru in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta, per il-kompjant Imħallef Gino Camilleri**).

**38.** Di fatti f'dan ir-rigward huwa ukoll mgħallem li *"Deprivation of "possessions" may arise also in situations where there has been no formal decision extinguishing individual rights, but the impact on the applicant's "possessions" of a set of various measures applied by the public authorities is so profound as to make them assimilable to expropriation. In order to determine whether there has been a deprivation of "possessions", the Court must not confine itself to examining whether there has been dispossession or formal expropriation; it must look behind the appearances and investigate the realities of the situation complained of. Since the Convention is intended to guarantee rights that are "practical and ", it has to be ascertained whether that situation amounted to a de facto expropriation* (ara fost oħrajn **Sporrong and Lönnroth v. Sweden, § 63;**

**Vasilescu v. Romania, § 51; Schembri and Others v. Malta, § 29; Brumărescu v. Romania [GC], § 76; Depalle v. France [GC], § 78**). *Indeed, under various Convention Articles, the Court's case-law indicates that it may be necessary to look beyond the appearances and the language used and concentrate on the realities of the situation* (Ara Apap Bologna v. Malta, § 83) (Emfażi tal-Qorti).

**39.** Huwa minnu, li fil-każ ta' persuna fiżika in ġenerali dejjem hemm l-eredi li jidħlu flok il-mejjet. F'dan ir-rigward dawn il-Qrati irrimarkaw hekk:

"*Għall-kuntrarju ta' dak li jseħħ fil-każ tal-mewt ta' persuna fiżika, il-"mewt" legali ta' kumpanija ma tħallix 'werrieta', u għalhekk kollox imut magħha. Wieħed jistenna li lpretensjonijiet u l-jeddijiet ta' kull min ikun dwar tali kumpanija jitressqu u jintalbu sakemm ikun għadu miexi l-proċess ta' likwidazzjoni u stralċ. F'bosta sistemi ta' dritt oħrajn, kull "ġid" jew assi ta' kumpanija li isimha jitħassar minn fuq ir-reġistri u li ma jkunx ġie assenjat, tħallas jew tqassam matul il-proċess ta' stralċ isir "bona vacantia". Il-Qorti tqis li din għandha tkun il-qagħda fil-każ ta' kumpanija Maltija li isimha jitħassar mir-Reġistru, u sakemm jibqa' hekk imħassar*" **(**Emfażi tal-Qorti. **Ara Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Dr. Suzanne Wolfe Martin noe -vs- Ganado & Associates Advocates et tas-27 ta' Jannar 2021).**

**40.** Minn dan il-bran din il-Qorti tikkonkludi li anke dawn il-Qrati qiesu li l-effetti tal-artikolu 325(2) huma bħal dawk tal-kunċett ta' *bona vacantia* anke jekk dan ma jissemmix espliċitament mil-liġi. Di piu' tali effetti

jipperduraw sakemm il-Kumpanija ma terġax titqiegħed fuq ir-reġistru tal-Kumpaniji. Dan jista' jsir bis-saħħa tal-istess artikolu jew jekk fost oħrajn ikun hekk ordnat mill-Qorti f'każ li jirrisulta li hemm xi ksur ta' xi dritt fundamentali għat-tgawdija ta' propjeta. Bħal ma huwa dan il-każ.

**41.** B'dana kollu ma jfissirx li għaliex kumpanija hija korp morali ma hemmx warajha persuni fiżiċi li għandhom interess fil-propjeta' tagħha. Is-soċi għandhom investiment tutelabbli. Il-Qorti ma tistax timmaġina t-tħassir ta' xi Soċjeta' Pubblika kwotata fil-Borsa bil-mijiet ta' investituri jitilfu l-valur tal-investiment tagħhom bl-applikazzjoni ta' artikolu 325(2) tal-Kap 12 tal-liġi ta' Malta. F'dan ir-rigward **Gower and Davies fil-Principles of Modern Company Law (Eighth Edition – Sweet & Maxwell – 2008)**, wara li jirreferu għall-Companies Act 1985 u għall-Companies Act 2006, jagħmlu analiżi aktar dettaljata tal-proċedura fil-paġ. 1232 et seq u josservaw hekk hekk:-

"*A contrast between the death of an individual and that of a company is that without divine intervention a dissolved company can be resurrected*".

**42.** Meta kumpanija tiġi likwidata volontarjament jew mod ieħor, l-istralċjarju jiddividi u jqassam il-propjeta' bejn is-soċi u kredituri. L-assi tagħha jiġu għalhekk likwidati biex jiġu assenjati lil persuni fiżiċi. Il-Qorti ma tistax tifhem għaliex dan ma jsirx ukoll bil-propjeta' fil-każ ta' Soċjeta' li tiġi imħassra. Meta fl-1986 inxtrat il-propjeta', il-valur tagħha ħareġ minn bwiet is-soċi. Għalhekk is-soċi, anke jekk ma jurux interess fil-propjeta'

dejjem jibqgħu jkollhom interess ekonomiku fis-Soċjeta'. Għandhom ikollhom id-dritt li jipprelevaw dak il-benefiċċju ekonomiku meta jidhrilhom huma. Li kumpanija titħassar hija ammissibbli, iżda li propjeta' ma titwarrabx għall-benefiċċju tas-Soċi hija ħaġa inkomprensibbli.

**43.** Il-Qorti hija konvinta li din il-parti tal-liġi daħlet għaliex sempliċiment segwejna l-liġi Ingliża. Ma jidhirx li din kienet spinta minn xi interess pubbliku jew Soċjali. Tant huwa minnu dan, li skont Karl Borg għan-nom tal-Awtorita' tal-Artijiet, il-propjeta' *inkwistjoni ma tirrisultax li hija Government property* (a' fol 122). Mhux hekk biss, iżda il-propjeta' inkwistjoni baqgħet fil-pussess tar-rikorrenti anke tul il-perjodu li suppost saret tal-Gvern, li f'ebda ħin ma jidher li qatt ħa interess fiha għax l-anqas jaf biha.

**44.** Di piu,' ir-rikorrenti sabu li tilfu l-interess patrimonjali tagħha mingħajr kumpens għaliex il-liġi imkien ma tipprovdi għal dan. Issa l-kumpens huwa prinċipju antik li jirrisali għal qabel il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni tant li artikolu 321 tal-Kodiċi Ċivili u ħafna qabel il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni kien diġa' jiddisponi li *"Ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jitlaq minn idejh il-proprjetà tiegħu jew iħalli li ħaddieħor jagħmel użu minnha, ħlief għal skop pubbliku,* ***u bil-ħlas ta' indennizz ġust****".*

**45.** Għalhekk fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ din il-Qorti ser tkun qed tordna lill-intimat Reġistratur jerġa' jqiegħed fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet lis-Soċjeta' Vassallo & Cortis bin-numru C10128 sabiex ir-

rikorrenti jitqegħdu f'posizzjoni li jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont il-liġi b'dana li l-propjeta' in kwistjoni bis-saħħa ta' din is-Sentenza tmur lura għand din il-Kumpanija.

**46.** Fl-aħħar nett il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt, li tajjeb jew ħażin, ir-rikorrenti, indipendentement mill-fatt li ħallew f'idejn il-kjamat, ma ħadux kura tas-Soċjeta' Vassallo & Cortis Ltd. B'konsegwenza ta' hekk ma hemmx dubbju li hemm ammonti ta' penali u impost li jridu jitħallsu lill-intimat Reġistratur. Għalhekk, kif anke huma stess iddikjaraw li jagħmlu, il-Qorti tħeġġeġ lir-rikorrenti sabiex jgħaddu b'effett immedjat għall-ħlas kif jiġu mitluba.

**47.** F'dan ir-rigward il-Qorti tħoss li għandha tagħmel osservazzjoni finali. Taqbel mal-intimati li s-Soċjeta' tħassret minn fuq ir-reġistru mhux għaliex kienet lura jew qatt ma ħallset dawn il-penali jew impost. Tħassret għar-raġuni li tissemma f'artikolu 325 u cioe minħabba li ma kienitx qed topera. Pero' huwa l-każ li r-Reġistratur għandu jkun salvagwardjat fir-rigward ta' dawn il-ħlasijiet. Huwa għalhekk li Gower josserva li "*the applicant must deliver to the Registrar such documents as are necessary to bring the company`s public records up-to-date and to pay any penalties outstanding at the time the company was dissolved*." (**Gower op cit supra**).

**48.** Dan dejjem jista' jsir billi fuq dawn il-ħlasijiet jingħata privileġġ speċjali lir-Reġistratur ma dawk indikati f'artikolu 2010 tal-Kodiċi Ċivili,

liema privileġġ jibqa' jgwadi d-*droit de suivre* anke jekk il-propjeta' immobbiljari tispiċċa f'idejn terzi. B'hekk anke jintlaħaq bilanċ bejn id-dritt ta' propjeta' appartenenti direttament lis-Soċjeta' u indirettament bħala benefiċċju ekonomiku tas-soċji. Ovvjament biex dan isir irid ikun hemm intervent leġislattiv.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tillibera** lil Onor Prim Ministru, Onor Ministru tal-Finanzi u lill-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrenti u tiddikjara li bl-operat tal-Artikolu 325 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-operat tal-Liġijiet viġenti, li permezz tagħhom il-proprjeta' tagħhom għaddiet f'idejn il-Gvern ta' Malta, qegħdin, ġew u/jew sejrin jiġu ppreġudikati u leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif sanċiti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif misjub fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tilqa' it-tieni talba** tar-rikorrenti u tiddikjara li bl-operat tal-Artikolu 325 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-operat tal-Liġijiet viġenti, li permezz tagħhom il-proprjeta' tagħhom għaddiet u/jew sejra tgħaddi f'idejn il-Gvern

ta' Malta, qegħdin, ġew u/jew sejrin jiġu ppreġudikati u leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif sanċiti mill-Artikolu 13 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif misjub fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tilqa' it-tielet talba** tar-rikorrenti u tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex jerġa' jqiegħed fuq il-lista' ta' Kumpaniji attivi lis-Soċjeta' Vassallo & Cortis Ltd (C10128) u li l-propjeta' inkwistjoni tirreverti lura għandha ope sententiam, b'dana li r-rikorrenti jagħmlu dak kollu li titlob il-liġi biex din is-Soċjeta' tiġi in regola f'kull aspett u li jħallsu kull penali, taxxi jew imposti skond il-liġi li talvolta huma dovuti.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mill-intimati Avukat Ġenerali u Reġistratur tal-Kumpaniji.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**